TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 358/11/GZ

**Alexia Mizzi**

**vs**

**BATA**

Illum 31 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' wiehed u hamsin Ewro (€51.00), rapprezentanti prezz ta' par zarbun, li wara li libsitu darbtejn selhilha saqajha.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-2 ta' Lulju 2011 xtrat par zarbun minghand il-'Bata', The Point, Tigne. Dan kien jammonta ghal disgha u hamsin Ewro (€59.00), izda xtratu ghal wiehed u hamsin Ewro (€51.00) ghaliex kellhom offerta ghaddejja. Ir-rikorrenti libsitu darba ghal ftit hin u meta regghat libsitu t-tieni darba biex marret il-Belt, selhilha saqajha, specjalment minn subghajha z-zghir, li anke hargilha d-demm. Hija kellha tixtri par zarbun minn fuq il-monti ghaliex ma setghatx timxi bih.

Skond ir-rikorrenti, dan gara ghaliex fil-hajta ghandu oqda li hi qed tikkawza dan kollu.

Fit-13 ta' Lulju 2011 ir-rikorrenti marret lura ghand is-socjeta' ntimata biz-zarbun, fejn qalulha li kellha tghid lil manager, u fit-18 ta' Lulju, cemplulha u qalulha li dak ma kienx difett u li ghalhekk ma setghu jaghmlu xejn.

Ir-rikorrenti xtrat dan iz-zarbun biex ikun komdu ghax dana suppost huwa orthopaedic, pero' ma tistax timxi bih. Meta hija ccekjat iz-zraben l-ohra bhalu li kellhom go l-hanut, ma kellhomx ghoqod, jigifieri dan huwa difett jekk ghandu din l-ghoqda.

Meta r-rikorrenti talbet biex tkellem lil manager, qalulha li ma tkunx tista' tkellimhom u li trid tghid lis-supervisor tal-hanut bilfors.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata biz-zarbun difettuz u ghalhekk qed titlob jew li tinghata credit note, jew li tinghata l-flus lura li hallset ghaz-zarbun.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, imharrka diversi drabi, m'hijiex debitament notifikata, stante li t-tahrikiet dejjem baqghu 'unclaimed' nonostante l-fatt li l-indirizz huwa wiehed validu. Ill ghalhekk, l-istess socjeta' ntimata msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija xehdet bl-istess mod hekk kif kienet diga' stqarret fir-risposta taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota li ma kien hemm ebda indikazzjoni rigwardanti l-fatt li l-par zarbun in kwistjoni kien fil-fatt zarbun 'orthopaedic', u li din kienet biss assunzjoni zbaljata u ghalhekk konkluzjoni mhux ibbazata fuq fatti reali da parti tar-rikorrenti, qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**